Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 20 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10392/16

DEVGEN 139
COHAFA 46
ACP 93
RELEX 539
ALIM 14
AGRI 354
FAO 31
SAN 268

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Ġunju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10339/16
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ġunju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, kif adottati mill-Kunsill fit-3477 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni

1. Il-Kunsill jilqa' t-Tieni rapport biennali kkonsolidat dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni[1] u jilqa' l-impenji ta' politika mġedda dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-preżentazzjoni tal-Ewwel rapport ta' progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nutrizzjoni ta' Lulju 2014[2]. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta' dawn ir-rapporti bħala għodod ta' responsabbiltà li jikkontribwixxu għal assistenza għall-iżvilupp aktar effettiva, wara li nnota r-riżultati tal-prestazzjoni tal-UE għas-sena 2014 u waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Ewwel rapport biennali dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni[3], kif ukoll il-konklużjonijiet preċedenti f'dan il-qasam ta' politika sa mill-2010, il-Kunsill jikkonkludi dan li ġej:

Implimentazzjoni tal-impenji tal-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, it-tieni rapport biennali

2. Qed isir progress sostanzjali biex titjieb is-sigurtà globali tal-ikel u l-indiċi globali tal-ġuħ juri li l-livell tal-ġuħ niżel b'27 % mis-sena 2000. Madankollu, il-Kunsill jinsab imħasseb li l-għadd totali ta' vittmi ta' malnutrizzjoni kronika għadu ta' 795 miljun. Il-Kunsill jilqa' t-tieni rapport ikkonsolidat dwar il-politika tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu strumentali biex jinfluenzaw ftehimiet u impenji globali ewlenin fl-2014 u l-2015, ġeddew l-impenji tagħhom tal-politika għas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u f'għadd ta' każijiet tejbu sostanzjalment l-iffokar u l-finanzjament tagħhom mill-ewwel rapport. Il-Kunsill jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport u jixtieq jenfasizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

[1] 9978/16 - COM (2016) 244 final.
[2] 9467/16.
[3] 9141/15.

2.1. Tinżamm is-sigurtà globali alimentari u tan-nutrizzjoni fuq quddiem tal-aġenda tal-UE tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-appoġġ viżibbli tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fl-Aġenda 2030. Filwaqt li l-SDGs jittieħdu bħala qafas ewlieni, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu impenn aktar espliċitu f'termini tar-riżultati tar-rappurtar dwar is-sigurtà tal-agrikoltura, alimentari u tan-nutrizzjoni. Sabiex tindika kif il-kontribut tal-UE jtejjeb il-ħajjiet ta' tfal li jieqfu jiżviluppaw[4] u l-bdiewa żgħar (li fosthom mill-inqas 50 % huma nisa), il-Kummissjoni hija mitluba tikkoordina ma' Stati Membri tal-UE biex tipproponi indikaturi komuni u metodoloġiji effiċjenti li jistgħu jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tar-riżultati lejn l-SDGs rilevanti, b'mod partikolari l-SDG2. Din il-ħidma għandha tkun komplimentari għall-ħidma mwettqa diġà fuq l-indikaturi tal-SDGs.

2.2. Tisħiħ ta' approċċ bejn diversi partijiet ikkonċernati u integrat biex tiġi indirizzata s-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien ma' gvernijiet sħab, jeħtieġ li jaħdmu b'mod proattiv mas-sħab multilaterali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, biex jinkisbu investimenti sostnuti u riżultati dejjiema. Għandu jkun hemm enfasi kontinwa fuq it-trasformazzjoni tar-rwol tan-nisa u ż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'sitwazzjonijiet fraġli u ta' kunflitt, u fuq l-iżgurar ta' aċċess indaqs għal riżorsi għan-nisa kif ukoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza (tal-klima) ta' komunitajiet vulnerabbli, anke permezz tat-tisħiħ ta' kapaċitajiet. Ir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni jista' jkollu l-għan li jiżviluppa data ta' referenza dwar il-livell ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-applikazzjoni ta' approċċi integrati, reżiljenti għall-klima u prattiki agrikoli sensittivi għan-nutrizzjoni fil-programmi kollha tal-UE u l-Istati Membri.

[4] In-nuqqas ta' żvilupp jiddeskrivi nuqqas ta' nutrizzjoni kroniku, ikkaratterizzat minn tul baxx meta mqabbel mal-età (definizzjoni tad-WHO).

2.3. Titjib ta' mekkaniżmi biex tingħata spinta għall-involviment u l-investiment responsabbli tas-settur privat, u biex wieħed jitgħallem minn mudelli ta' negozju inklużivi. L-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jaħdmu dejjem iktar fi sħubija mas-settur privat biex jixprunaw bidla sinifikanti għall-bdiewa fuq skala żgħira, b'attenzjoni speċjali għar-rwol u l-kontribut tan-nisa għas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-bdiewa fuq skala żgħira jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ responsabbli minn katini tal-valur domestiċi, reġjonali u globali responsabbli, u jgħinu fil-kisba ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli fis-settur agrikolu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ il-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati effettivi li jiżguraw mekkaniżmi ta' governanza li fihom l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tas-soċjetà ċivili jkollhom vuċi, biex japplikaw il-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari għal Investiment Responsabbli f'Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel u biex jiġu implimentati l-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali.

2.4. Ir-rikonoxximent tat-trasformazzjoni rurali bħala proċess kritiku għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti, li jżid id-dħul u t-tkabbir ekonomiku, u jikseb l-objettivi tas-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni fuq żmien twil, speċjalment għan-nisa u ż-żgħażagħ. Dan għandu wkoll rabtiet sinifikanti mal-indirizzar tal-inugwaljanza ekonomika, il-migrazzjoni u l-urbanizzazzjoni. Hija meħtieġa aktar ħidma biex jinħolqu l-kondizzjonijiet għal investiment sostenibbli fl-infrastruttura u żvilupp fiż-żoni rurali. It-tibdil fil-klima, b'mod partikolari, għandu jiġi kkunsidrat u għandhom jiġu żviluppati strateġiji sostenibbli biex dan jiġi miġġieled. Barra minn hekk, it-theddid transkonfinali għas-saħħa bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi, huwa fattur li għandu jiġi segwit mill-qrib.

2.5. L-iżgurar ta' investiment kontinwu fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż id-diġitalizzazzjoni, u ż-żieda fl-azzjoni biex jissaħħaħ l-impatt ta' dan l-investiment. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jaħdmu flimkien biex jitħaffef l-aċċess tal-bdiewa għall-innovazzjoni u jissaħħu s-sħubijiet bejn istituzzjonijiet ta' riċerka Ewropej u dawk sħab dwar l-effettività fuq terminu twil.

2.6. Titjib ulterjuri tal-koordinazzjoni tal-UE u l-Istati Membri u l-koordinazzjoni ma' donaturi oħra fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni kif ukoll tal-iżvilupp agrikolu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ aktar ħidma fuq il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) u l-Programmazzjoni Konġunta[5]. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri tal-UE biex jieħdu inizjattivi jew azzjonijiet konkreti – inkluż ħidma konġunta fuq l-analiżi, id-djalogu politiku, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u fuq it-titjib ta' oqfsa tar-riżultati – tal-anqas f'ħames pajjiżi sħab matul il-perjodu li jmiss ta' rappurtar.

L-Ewwel Rapport ta' Progress rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni

3. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tas-sitwazzjoni attwali u x-xejriet tan-nuqqas ta' żvilupp sal-2025 għal kull wieħed mill-40 pajjiż fil-mira tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni. Din l-analiżi hija għodda b'saħħitha biex jitjieb il-fehim tagħna tax-xejriet u l-projezzjonijiet tal-pajjiżi dwar in-nuqqas ta' żvilupp u biex jissaħħaħ id-djalogu mal-gvernijiet, il-komunità internazzjonali ta' donaturi u l-partijiet ikkonċernati oħra. Tista' wkoll tkun bażi utli għall-gvernijiet u s-sħab interessati biex jiddefinixxu miri nazzjonali realistiċi dwar in-nuqqas ta' żvilupp.

4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni msaħħa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fid-definizzjoni tal-programmazzjoni u l-prijoritajiet tan-nutrizzjoni, permezz tal-iskambju ta' lezzjonijiet meħuda u ta' għarfien espert speċjalment fir-rigward tal-għodod u l-indikaturi ta' valutazzjoni tal-impatt tan-nutrizzjoni.

[5] 8831/16.

5. Il-Kunsill jilqa' ċ-ċifri fir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-investimenti tal-UE fin-nutrizzjoni għall-perijodu 2010-2014[6] u jirrakkomanda li l-metodoloġija tar-rappurtar konġunt miftiehma fil-Grupp ta' Donaturi għall-Moviment Inżidu n-Nutrizzjoni tiġi applikata biex tiġi żgurata l-koerenza fost id-donaturi. Il-Kunsill iħeġġeġ rappurtar regolari dwar l-impenji finanzjarji fin-nutrizzjoni min-naħa tal-UE u l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li ħadu impenji fil-Patt tal-2013 Nutrizzjoni għat-Tkabbir. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura rappurtar regolari fuq il-mudell tar-rapport attwali ta' progress biex tinforma dwar il-progress fil-ksib tal-objettivi tal-politika ta' nutrizzjoni u dawk finanzjarji tagħha. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jirrapportaw regolarment dwar il-progress, il-pajjiżi u s-setturi prijoritarji ta' intervent biex jilħqu l-impenji tagħhom dwar in-nutrizzjoni.

---

6 9978/16 ADD 1 - SWD (2016) 155 final. Ir-rapporti tal-UE dwar iċ-ċifri tal-investiment fin-nutrizzjoni għall-perijodu 2010-2014. L-investimenti tal-2014 ammontaw għal 454.57 miljun Euro. Din iċ-ċifra ġiet irrappurtata u ser tiġi wkoll ippubblikata fir-Rapport Globali dwar in-Nutrizzjoni 2015-2016 (GNR). Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u r-Renju Unit irrappurtaw ukoll ċifri ta' investiment fin-nutrizzjoni għall-GNR bl-użu tal-metodoloġija ta' rappurtar tal-Grupp ta' Donaturi SUN.